MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Numru 274/2008

PULIZIJA
SPETTUR FABIAN FLERI
VS
RODERICK SCICLUNA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Scilcuna, iben Mario u Theresa nee' Bonello, mwieled Pieta' nhar il-21 ta' Awissu 1979, residenti gewwa '11', Sqaq Srejdek, Bormla, u detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 448179(M).

Illi akkuzat talli fix-xahar ta' Awissu, gewwa Bormla u gewwa dawn il-gzejjer, b'mezi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' ta' xi grajja kimerika,

ghamel qliegh ta’ Lm123 (Mija u tlieta u ghoxrin Liri Maltin) ghad-dannu ta’ Emanuel Scicluna detentur tal-karta ta’ l-identita’ 213575(M) u/jew HSBC Bank pls;

U illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta’ cekk tad-Dipartiment tat-Taxxa u l-Bank Centrali ta’ Malta mahrug f’isem Emanuel Scicluna detentur tal-karta ta’ l-identita’ 213575(M) bi hsara ghall-istess Emanuel Scicluna;

U aktar akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehdu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

U illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

U fl-ahhar nett talli sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. L. Quintano LLD datata 5 ta’ Ottubru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat minnu kkonfermata wara li din il-Qorti tatu zmien konsiderevoli ghal ripensament.

Rat illi in vista ta' l-ammisjoni ta' l-imputat, l-Ufficjal Prosekutur irtira l-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni rrizulta li l-imputat seraq cekk minghand huh Emanuel Scicluna. Iffalsifika l-firma ta' Emanuel Scicluna u sarraf dan ic-cekk.

Illi l-kwerelant Emanuel Scicluna fit-testimonjanza tieghu, kkonferma li l-imputat hallsu s-somma dovuta u li l-istess Emanuel Scicluna xehed illi ried jirtira l-kwerela minhabba illi l-imputat u Emanuel huma ahwa.

Illi in vista ta' dana kollu l-Qorti rat u ezaminat l-Artikolu 332 Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

> *"Hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-Artikoli 316, 317 u 318, l- azzjoni kriminali ma titmexxiex minghajr il-kwerela tal-parti offiza, ghal reati li jsiru kontra hwejjeg ta' l-axxendenti jew kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta' l-axxendenti, jew ta' l-ahwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi zwieg fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omicidju, offiza fuq il-persuna, minbarra offiza hafifa u ta' importanza zghira, jew ma' sekwestru tal-persuna."*

Illi in vista tax-xhieda Emanuel Scicluna, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit tat-tieni akkuza.

Illi ghal-rigward tat-tielet akkuza u cioe falsifikazzjoni ta' dokument bankarju illi bih wiehed jista' jircievi hlas u l-hames akkuza u cioe ta' uzu bi xjenza ta' l-istess dokument bankarju, l-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imputat, issib lil l-istess imputat hati skond dawn l-akkuzi.

Illi di piu' l-imputat ammetta l-hames akkuza, u cioe dik recidiva bi ksur ta' 'conditional discharge'

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti waqt li taghraf illi l-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuza, tiddikjara l-procediment ezawrit ghal-rigward tat-tieni akkuza. Issib lill-imputat hati tat-tielet akkuza, tal-hames akkuza u tas-sitt akkuza waqt illi tiddikjara illi r-raba' akkuza hija konpriza u nvoluta fit-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikoli 167 (1) (3), 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta 23 (1) (b) u Artikolu 7 tal-Kap.446 tqeghedu taht Probation Order ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nnominat.

Illi din il-Qorti fl-evalwazzjoni tal-piena gusta u proporzjonata ghall-ghemil ta' l-imputat, hadet in konsiderazzjoni il-mahfra tal-kwerelant il-fatt illi l-imputat hallas il-pendenti kollha, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-ammont minimu ta' valur monitarju illi bih l-imputat jinstaghab akkuzat u l-eta' giovanili ta' l-imputat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------